MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 10/2007/1

**Antonio Camilleri (ID258251M)**

**Vs**

**John Tanti**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-25 ta' Novembru, 2013, fejn il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta'-Raba ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Bord:-*

*Ra ir-rikors ippresentat fil 21 ta' April 2009 fejn stqarr illi huwa jikri ir-raba lill-intimat John TAnti f'Ta' Bordin, Haz-Zebbug, konsistenti f'zewgt porzjonijiet, wahda ta' sitt itmiem u wahda ta' erbgha titmiem. Ir-rikorrent allega illi l-art in kwistjoni mhijiex qed tinhadem mill-intimat izda qieghda tinhadem minn huh Pawlu Tanti. Huwa sahaq ukoll illi l-hitan ma humiex qed jinzammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Ghalhekk huwa talab illi jigi moghti d-dritt illi jirriprendi l-art in kwistjoni.*

*Ra ir-risposta ta' John Tanti ippresentata fis 27 ta' Settembru 2007 fejn sahaq illi l-allegazzjonijiet maghmulha minn Camilleri kienu infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi huwa jahdem l-art u kull tant zmien jigi jaghtih daqqa t'id huh Pawlu Tanti. Stqarr ukoll illi l-hitan kienu kollha mantnuti sew.*

*Ra ix-xhieda u kontro ezami ta'* ***Antonio Camilleri*** *moghtija fit 28 ta' April 2008.*

*Ra ix-xhieda u kontro ezami ta'* ***Emanuel Azzopardi*** *moghtija fit 28 ta' April 2008.*

*Ra l-atti tal-kawza 218/05 fl-ismijiet '**Anthony Camilleri vs John Tanti**' deciza fis-6 ta' Marzu 2008, li kienu gew allegati minn dana il-Bord permezz ta' digriet tat 28 ta' April 2008.*

*Ra ix-xhieda ta'* ***Antonio Camilleri*** *moghtija fit 23 ta' Gunju 2008 u ir-ritratti minnu esebiti.*

*Ra ir-rapport tal-**Perit Joseph Ellul Vincenti** ippresentat bhala xhud 'ex-parte' mir-rikorrenti fil 21 ta' Mejju 2009.*

*Ra illi fis 26 ta' Ottubru 2009 ir-rikorrent iddikjara illi ma fadallux aktar provi.*

*Ra ix-xhieda ta'* ***Marlon Apap****, rappresentant ta' l-Ghammieri, prodott mill-intimat u mogthija fit 23 ta' Novembru 2009, flimkien ma' dokumentazzjoni relattiva fejn informa lill-Bord illi l-art hija registrata fuq l-intimat.*

*Ra ix-xhieda ta' l-intimat **John Tanti** moghtija fit 23 ta' Novembru 2009 flimkien ma' dokumentazzjoni minnu esebita.*

*Ra ix-xhieda in kontro ezami ta' **Marlon Apap** moghtija fil 15 ta' Frar 2010.*

*Ra ix-xhieda u kontro ezami ta' **Pawlu Tanti** moghtija fil 15 ta' Frar 2010.*

*Ra ix-xhieda u kontro ezami ghal darba ohra ta' **John Tanti** moghtija fit 23 ta' Gunju 2010 flimkien ma' dokumentazzjoni minnu ppresentata.*

*Ra ix-xhieda ta' **Jonathan Tanti**, tifel ta' John Tanti, moghtija fit 23 ta' Gunju 2010.*

*Ra illi fis-seduta tat 23 ta' Gunju 2010 l-intimat iddikara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.*

*Ra illi fl-4 ta' April 2011 il-Periti Teknici Perit Jos. M Jaccarini u Anthony Mifsud ippresentaw ir-rapport taghhom flimkien ma ritratti mehudha.*

*Ra illi l-Bord accetta illi jisma xhieda ulterjuri wara li sar l-access u, fit 13 ta' April 2011, sema' ix-xhieda ta' **Emanuel Tanti**, hu l-intimat, prodott mir-rikorrenti.*

*Ra l-affidavits ta' **John Tanti** u **Jonathan Tanti** ippresentata fis 16 ta' Marzu 2012 flimkien ma' dokumentazzjoni maghha annessa.*

*Semgha il-kontro-ezami ta' **John Tanti** u **Jonathan Tanti** moghtija fis 27 ta' Gunju 2012.*

*Ra illi fil 21 ta' Novembru 2012 il-Bord iddikjara il-provi kollha bhala maghluqa u diferixxa l-kawza ghat 28 ta' Frar 2013 ghal presentata ta' noti ta' sottomissjonijiet.*

*Ra is-sottomissjonjiet tar-rikorrenti ippresentati fil 11 ta' Jannar 2013 u dawk ta' l-intimat ippresentati fid 19 ta' Frar 2013.*

*Ra illi fit 28 ta' Frar 2013 il-kawza giet differita ghas-sentenza.*

***Ikkunsidra***

*Il-kawza odjerna intavolata mir-rikorrent hija rizultat ta' kawza ohra illi l-istess rikorrent kien intavola, minghajr success, quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fid 19 ta' April 2005 kontra l-istess intinat, fejn talab illi jigi zgumbrat mill-istess zewgt porzjonijiet ta' l-art peress illi ma kellux titolu.*

*Jirrizulta, di fatti, li r-rikorrenti fl 10 ta' Marzu 2004, sena qabel ma beda il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, kien xtara l-art in kwistjoni minghand certu Emanuel Caruana, ghalkemm fix-xhieda tieghu qal illi xtraha minghand xi kugina tieghu kunjoma Bugelli. Jirrizulta wkoll mill-atti tal-process 218/2005 illi kien gew allegati mal-process odjern, illi ir-rikorrent kien jaf li l-ghalqa kienet sullokata lill-terzi, tant illi dahhlet fil-kuntratt stess. Sussegwentement, huwa ghamel il-proceduri fuq imsemmija sabiex jizgombra lill Tanti mill-art. Eventwalment, fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, ittella Emanuel Camilleri, li kien biegh l-art lir-rikorrent, u ikkonferma illi huwa kien johrog ricevuta wahda ghaz-zewgt bicciet art u li kien irrikonoxxa lill-intimat Tanti bhala gabillott ta' dawna z-zewgt porzjonijiet. Ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba ta' l-izgombrment peress illi Tanti kellu titolu validu ta' qbiela.*

*Jirrizulta illi ir-rikorrent, naturalment, ma kienx kuntent bl-ezitu ta' tali sentenza moghtija fis 6 ta' Marzu 2006 u, fil 11 ta' Settembru 2007 intavola l-proceduri odjerni fejn talab illi jirriprendi pussess ta' l-art ghax ir-raba ma kienetx qed tinhadem minn John Tanti izda minn huh, Pawlu Tanti. Sussegwentement, waqt il-proceduri, fi Frar 2009 talab ghal zieda fit-talbiet wara li sar jaf li kien hemm tankijiet flok il-hajt tas-sejjieh, u ghalhekk talab ukoll illi jirriprendi l-ghalqa ghax ghamel hsara lill-hajt tas-sejjieh mingahjr il-premes tieghu.*

*Jirrizulta wkoll illi, lejn l-ahhar tal-proceduri odjerni, wara illi kienu inghaqlu l-provi, ir-rikorrent talab illi jerggha iressaq provi ohra peress illi sar jaf illi kien hemm bir li kien gie mirdum, izda ma ressaq ebda rikjesta sabeix tizdied talba addizzjonali.*

***Ikkunsidra***

*Illi, skond l-intimat, irrizulta illi l-art in kwistjoni, osija zewgt porzjonijiet ta' artijiet, kienu t-tnejn ta' missieru, Zaren Tanti, u dana kien dawwar l-eghlieqi fuq it-tfal tieghu, Pawlu u John Tanti, li kienu qed jahdmu l-eghlieqi flimkien. Is-sid ta' dak iz-zmien kien insista illi l-art tibqa fuq missierhom izda, wara il-mewt ta' missierhom fis-sena 2002, huwa kien qabel illi l-qbiela tinqaleb kollha ghal fuq John Tanti, kif del resto xehed fil-proceduri inizzjali mehudha mir-rikorrenti fil-kawza 218/05.*

*Jirrizulta illi l-intimat, illi huwa full time farmer u ghandu aktar eghlieqi fid-dintorni, jahdem l-eghlieqi huwa stess flimkien mat-tifel tieghu, Jonathan Tanti, ili qed jistudja l-Universita' fil-qasam ta' l-Agrikultura. Huh Pawlu Tanti, kull tant zmien, jghinu fl-ghalqa ukoll. Kien ghalhekk illi r-rikorrenti sab lill-Pawlu Tanti jahdem l-ghalqa darba minnhom u jahratha. F'dana l-istadju, il-Bord ma jistax ma jirrilevax illi x-xhieda ta' Emanuel Azzopardi, illi ghandu ghalqa vicin ta' dawn iz-zewgt eghlieqi, ma hija xejn veritjera u attendibbli, peress illi huwa car l-hsieb wara ix-xhieda tieghu cara.*

*Jirrizulta ukoll illi l-intimat, f'mument minnhom, ghalaq passagg li kien hemm u li kien jaghti access ghal-ghalqa li huwa jahdem u li hija meritu tal-kawza, u dana ghalaqha b'tankijiet, liema parti tal-hajt r-rikorrent qieghed jishaq illi l-intimat nehha u ghalhekk ghamel hsara lill-hajt.*

*Jirrizulta mill-provi prodotti mir-rikorrent stess, illi attwalment il-fetha li dwarha qed jilmenta ir-rikorrent hija fetha f'hajt ta' terzi u mhux fetha fil-hajt tal-propjeta tieghu illi hija meritu tal-kawza odjerna. Apparti minn hekk, fi pjanti antiki esebiti mill-Perit tar-rikorrenti, tali fetha tidher fil-pjanta ukoll.*

***Ikkunsidra***

*Illi, mill-provi prodotti, l-allegazzjonjiet imressqa mir-rikorrenti imkien ma jidhru ippruvat.*

*Ir-rikorrenti jghid illi l-art mhix qed tinhadem mill-intimat izda minn huh Pawlu Tanti izda provi ta' dan imkien ma jinkwadraw ruhhom fl-artikolu 4 (2) (c) tal-Kap 199.*

*Ir-rikorrenti imbghad jghid illi l-intimat waqqa il-hajt u ghamel hsara lill-hajt filwaqt illi rrizulta li l-hajt minnu ilmentat ma huwiex hajt ta' l-ghalqa propjeta tieghu izda huwa hajt ta' passagg, liema passagg jghaddi biswit art propjeta ta' terzi, u, aktar u aktar, jidher li tali fetha dejjem esistiet. Il-kwistjoni dwar jekk kien hemm bir jew le u jekk dana intradamx jew le ma ghandu ebda rilvenaza ghall-proceduri odjerni.*

***Konkluzjoni***

*Il-Bord*

*Wara illi ra il-provi kollha prodotti u ra id-dokumentazzjoni ippresentata.*

*Wara illi ra is-sottomissjonijet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet*

*Jghaddi beix jaqta u jiddeciedi il-kaz billi*

*Jilqa l-eccezzjonijiet ta' l-intimat u ghalhekk*

*Jichad it-talbiet attrici kollha.*

*Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a karigu tar-rikorrent."*

Illi l-appellanti Antonio Camilleri appella kemm mis-sentenza hawn fuq indikata kif ukoll minn digriet moghti mill-Bord tas-27 ta' Gunju 2012 li permezz tieghu giet michuda talba maghmula mir-rikorrenti appellanti sabiex jitressqu provi godda in konnessjoni ma'irdim ta' bir fir-raba imqabbla, liema fatt gie a konoxxenza ta'l-appellanti fil-mori tal-kawza. Illi ghalhekk l-aggravvji imressqa mill-appellanti jikkoncernaw:

1. L-apprezzament tal-provi maghmul mill-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba dwar il-fatt illi r-raba kienet qed tinhadem minn Paul Tanti ghalkemm imqabbla lill-appellat John Tanti, kif ukoll illi kien sar tibdil fir-raba bi vjolazzjoni ta'l-obbligi assunti mill-inkwilin fosthom hsara lil hitan tas-sejjiegh kif ukoll l-irdim tal-bir.

2. Id-decizjoni mehuda mill-Bord bid-digriet tieghu tas-27 ta' Gunju 2012 fejn giet michuda it-talba ta'l-appellanti sabiex iressaq il-provi dwar l-irdim ta' bir fir-raba, fatt li gie a konoxxenza tieghu fil-mori tal-proceduri.

Illi mill-atti probatorju jirrizulta illi l-appellanti kien diga intenta proceduri quddiem il-qrati ordinarji fejn gie deciz illi l-appellat John Tanti kellu titolu validu ta’ qbiela fuq iz-zewg prozjonijiet raba mertu ta’ din il-kawza. Fil-fatt gew allegati, l-atti ta’ dik il-kawza u dana ghal kompletezza tal-provi.

Illi l-appellanti, madanakollu jinsisti illi huwa hu l-appellat, Pawlu Tanti illi jahdem ir-raba u ghalhekk talab ir-ripresa tal-pussess ta’ din ir-raba. Illi l-lanjanza ta’l-appellanti tippermja fuq dana l-fatt u ghalkemm il-kawzali hija wahda ghar-ripresa tal-pusess abbazi ta’l-artikolu 4(2)(c) tal-Kapitolu 199 li jipprovdi dwar is-sullokazzjoni tar-raba jew it-trasferiment tieghu lil terzi li ma ikunux membri tal-familja minghajr il-kunsens tas-sid, huwa ma iressaq l-ebda prova li tista’ tindika remotament dana it-trasferiment hlief li jinsisti illi ghal ta’l-inqas referibbilment ghal porzjoni wahda mir-raba mertu tal-kawza, din tinhadem minn Pawlu Tanti u mhux mill-appellat. L-appellanti imbaghad jistieden lil Qorti tikkunsidra *ex novo* l-provi u taccetta l-valutazzjoni li huwa jaghti lil dawn l-istess provi sabiex konsegwentment tkun tista tintlaqa’ t-talba tieghu.

Illi fis-sottomissjonijiet maghmula fl-appell tieghu l-appellanti ma jitkellimx dwar xi sullokazzjoni jew trasferiment minn fuq l-appellat ghal fuq huh Pawlu Tanti izda jaghfas fuq l-assenjazzjoni tal-kirja mill-missier Zaren Tanti ghal fuq ibnu Pawlu Tanti qabel mewtu, fatt illi din l-Qorti ma tistax tissindika billi dina l-kwistjoni diga ghaddiet in gudikat permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta’ Marzu 2006 fejn gie deciz illi huwa John Tanti illi igawdi it-titolu ta’ qbiela ghalkemm porzjon minnhom hija registrata mad-Dipartiment ta’l-

Agrikoltura fuq huh Pawlu Tanti u l-ohra hija registrata fuq is-sid u cioe’ fuq l-appellanti. Ghandu ragun kwindi l-intimat appellat meta isostni illi dina l-kawzali ma tinkwadrax ruhha fir-ragunijiet elenkati fl-artikolu 4(2)(c) li jintitolaw lis-sid jitlob l-isfratt tal-gabilott. Il-fatt wahdu illi l-appellat jippermetti lil huh jahdem ir-raba billi jaghtih daqqa t’id fil-koltivazzjoni ta’l-istess, bl-ebda mod ma tikkostitwixxi xi prova illi r-raba’ gie trasferit jew issullokat fit-termini ta’l-artikolu 4(2)(c). L-appellat fil-fatt jammetti illi huh jahdem din ir-raba billi jaghtih daqqa t’id, izda hemm bizzejjed provi fl-atti li jindikaw illi l-appellat ghad ghandu interess fir-raba mqabbla lilu tant illi anke ibnu ighinu fil-koltivazzjoni tal-prodott. Il-Qorti ghalhekk ma tara xejn x’tissanzjona fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-Bord u kwindi dana l-aggravvju ser jigi respint.

Illi l-appellanti jallega ukoll illi l-appellat ghamel hsara fil-hitan tar-raba’ u anke isostni illi matul l-andament tal-kawza gie svelat illi kien hemm bir li intradam. Illi l-provvediment tal-ligi li jghodd ghal kaz hu dak ta’ l-Artikolu 4 (2)(f) ta’ l-Att dwar it-Tigdid ta’ Kiri ta’ Raba’, senjatament dik il-parti tieghu li tissanzjona l-kondotta tal-kerrej fejn dan ikun “abitwalment naqas li jhares xi kundizzjoni ohra tal-kiri”;

**“Huwa ben saput illi, apparti l-hlas tal-qbiela miftiehem, kondizzjoni importanti mposta b’ obbligu mil-ligi fuq il-kerrej hi dik li “jinqeda bil-haga mikrija bhala missier tajjeb tal-familja u ghall-uzu miftiehem” (Artikolu 1554, Kodici Civili). Jekk hu ma jaghmilx dan u, anzi, jaghmel abbuz ta’ l-uzu b’mod li jgib hsara lil sid ir-raba’, jitnisslu l-konsegwenzi tas-sanzjoni prevvista kemm taht il-ligi komuni [Artikolu 1551 (1), Kodici Civili] bil-hall tal-kuntratt, kif ukoll taht il-ligi specjali (Kapitolu 199), billi l-kirja ma tigix imgedda lilu;**

**Dan premess, hu dejjem tajjeb li wiehed ma jitlefx di vista illi ghalkemm hu minnu li l-ligi komuni tippreciza li l-kerrej ma jistax, bla kunsens tas-sid, jaghmel tibdiliet [Artikolu 1564 (1), Kodici Civili], sew id-dottrina legali kif ukoll il-gurisprudenza ttempraw sew dan l-obbligu impost fuq il-kerrej billi ammettew li dan hu konsentit jaghmel modifikazzjonijiet f' certi limiti objettivi, basta li dawn "*non alterano la sostanza della cosa*" (Kollez. Vol. XXVIII P III p 937) u t-tibdil ma jiznaturax id-destinazzjoni tal-fond (Kollez. Vol. XLVII P I p 264)." (App.Inf. 27/06/2007 Gorg Micallef vs Carmelo Muscat)**

Illi l-appellanti jallega illi saret hsara fil-hitan tas-sejjiegh tar-raba mikrija, senjatament f'wahda minnhom fejn saret fetha biex b'hekk inghata access ghal-raba iehor ta' terzi. Fir-rigward tal-hitan tas-sejjiegh inghatat mill-gurisprudenza ir-raguni dwar l-importanza taz-zamma u manutenzjoni ta'l-istess:

**"Hi in fatti enuncjazzjoni siewja tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fuq citata "Aquilina -vs- Magro" (25 ta' Gunju 1996) illi: "il-ligi hi severa ma' min jitraskura l-obbligu li jzomm fi stat tajjeb ta' riparazzjoni l-hitan tar-raba ghax hi konxja mill-importanza taghhom ghall-preservazzjoni tal-hamrija u bhala lqugh ghall-elementi."**

Izda:

**"B'mod specjali ghad-determinazzjoni tal-htija trid tirrizulta <u>ness ta' kawzalita bejn il-fatt ta'l-allegata hsara u l-att jew l-ommissjoni imputabbli lill-kerrej</u>." (App. Inf. Joseph Zerafa va Toni Casha tal-10 ta' Mejju 2006).**

Meta dawn l-indikazzjonijiet gurisprudenzajli jigu applikati ghall-fattispeci tal-kaz *de quo* il-Qorti tqies illi ma hemmx prova fl-atti illi sehhet il-hsara kif allegata mill-appellanti u li din il-hsara sehhet b'tortijiet imputabbli lill-appellat. Ibda biex il-membri teknici tal-Bord fir-rapport minnhom imhejji jikkonstataw illi r-raba kienet qed tinhadem u kienet mizrugha fiz-zmien meta kien sar l-access minnhom fuq il-post. Fir-rapport taghhom ma jissemma xejn dwar hsarat fil-hitan tal-eghlieqi, ghalkemm l-appellanti isostni illi huwa kien gibdilhom l-attenzjoni ghal dana l-fatt. Lanqas jidher illi wara li gie pprezentat ir-rapport minnhom fl-04 ta' April 2011, u cioe' sentejn qabel ma giet deciza l-kawza, r-

rikorrenti appellanti ressaq xi ilment dwar il-konkluzjonijiet minnhom raggunti fir-rapport taghhom. Huwa biss il-perit Joseph Ellul Vincenti inkarigat mill-appellanti illi isostni illi parti mill-hajt ta'l-isqaq, u mhux ta' wahda mill-eghlieqi, twaqqa' biex b'hekk infetah access ghal fuq proprjeta ta' terzi. Illi l-Bord, mill-apprezzament maghmul minnu tal-provi, ikkonkluda illi dina il-fetha hija fetha li saret f'hajt ta' terzi u mhux ta'l-appellanti, liema fetha tidher ukoll li ilha tezisti ghal zmien twil u dana minn pjanti antiki esebieti in atti. Dana ghalhekk johloq dubbju f'mohh min irid jiggudika jekk l-appellat kienx jahti ghal dawn it-tibdiliet jew hsarat billi prova ohra in atti ma hemmx. Illi l-appellanti izda jilmenta illi dan jista' iwassal ghal tibdil fil-konfigurazzjoni tal-passaggi ezistenti u ghalhekk fil-konfini ta'l-ghalqa. Lanqas hawn ma ghandu ragun. Ibda biex il-membri teknici tal-Bord ma irriskontrawx xi hsarat sostanzjali tant illi fir-rapport taghhom huma ma isemmu xejn hlief ghal kamra ckejkna li hemm fir-raba li kellha hsara fis-saqaf taghha. Anke jekk ghal grazzja ta'l-argument il-Qorti kellha taccetta it-tezi ta'l-appellanti illi tnehhew xi hitan sabiex l-appellat johloq access ghal raba iehor, madanakollu ma hemmx l-icken prova illi tali tibdil kien wiehed kif inkwadrat fl-artikolu 4(2)(c) tal-Kapitolu 199. Ma hemm l-ebda prova li tista' twassal ghal konvinciment tal-Qorti illi kien hemm snaturazzjoni tal-art mikrija jew li it-tibdil li sar b'xi mod xekkel l-integrita' tieghu. Huwa desumibbli fil-fehma tal-Qorti minn dawn l-osservazzjonijiet illi n-natura u d-destinazzjoni tar-raba' baqghet tigi rispettata, ma kienx hemm dik il-vjolazzjoni ta' l-obbligu ta' l-uzu tad-diligenza jew ksur abitwali tal-kondizzjonijiet tal-kirja, ghal liema jirreferu l-Artikolu 1554, Kodici Civili u l-Artikolu 4 (2)(f), Kapitolu 199, u t-tibdiliet jew alterazzjonijiet li allegatament saru (jekk saru) ma gabu ebda trasformazzjoni radikali u rriversibbli tali li ma jistghux jitrangaw fi tmiem il-kirja. Inoltre ma hemm l-ebda ness bejn il-fetha li saret fil-hajt tar-raba u xi azzjoni jew nuqqas da parti tal-inkwilin billi provi decisivi u konklussivi f'dan ir-rigward ma hemmx fl-atti. F'dawn ic-cirkostanzi lanqas dan l-aggravvju ma jista' jigi akkolt.

Illi fl-ahhar aggravvju tieghu l-appellanti jilmenta mill-fatt illi l-Bord cahad it-talba tieghu sabiex iressaq il-provi in konnessjoni ma' bir li kien jezisti f'din ir-raba u li allegatament intradam. Illi minn ezami ta'l-atti ghandu johrog illi l-appellanti ressaq dina it-talba fi stadju inoltrat tal-kawza meta hu kien diga ghalaq mill-provi. L-appellanti jishaq illi huwa sar jaf b'dana il-fatt mix-xhieda ta' hu l-intimat Emanuel Tanti li mieghu jidher illi l-appellat ghandu xi divergenzi. Ghalhekk qabel xejn il-Qorti tqies illi tali allegazzjoni maghmula minn dana ix-xhud ma hijiex wahda soda u li tista' tistrieh fuqha, iktar u iktar meta l-intimat kategorikament jichad illi huwa kien jaf bl-esistenza ta' dan il-bir. Fil-fatt il-Bord ghadda sabiex ordna l-isfilz tax-xhieda minnu migjuba bil-procedura ta'l-affidavit u minghajr ma kiseb l-awtorizazzjoni preventiva tal-Bord biex jaghmel dan. Illi l-Qorti hija tal-fehma illi l-Bord gustament iddecieda li jiskarta dawn il-provi u ma jissanzjonax il-kapricci tal-appellanti li matul l-andament tal-kawza dejjem izid ma' dak minnu mitlub biex forsi jirnexxielu fl-intent tieghu li jiehu lura f'idejh ir-raba li kien akkwista minghajr ma irrealizza illi din kienet imqabbla lil terzi. Illi ma jidhirx illi l-appellanti talab il-permess tal-Bord sabiex izid kawzali gdida in konnessjoni ma' dana l-bir, izda ghogbu iressaq provi godda meta l-kawza kienet wasslet kwazi ghad-decizjoni finali u meta it-talba tieghu ma kenitx ismejsa fuq dana l-fatt. Il-Bord kwindi ma seta' qatt jiehu konjizzjoni ta' tali provi, provi lil hinn mill-parametri stabbiliti fir-rikors promotur ghal konsiderazzjoni tieghu. Kwindi kwalsiasi allegazzjoni dwar hsara in konnessjoni ma' irdim ta' bir u anke allegazzjonijiet ohra li gew sollevati ukoll mill-appellanti f'dan l-istadju dwar hsara fis-saqaf ta' kamra li tinsab f'wahda mill-eghlieqi ma jistghu qatt jiffurmaw parti mill-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti ghar-revizjoni tad-decizjoni mehuda mill-Bord meta dawn ma jinkwadrawx ruhhom fil-parametri tar-rikors promotur.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------